DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/552

tal-20 ta' April 2020

li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tal-istatus tal-Valle d'Aosta fl-Italja u tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores fil-Portugall bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži, u fir-rigward tal-istatus ta' bosta reġjuni tal-Portugall bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži

(notifikata bid-dokument C(2020) 2260)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-paragrafu 4 tal-Anness A.I u l-paragrafu 7 tal-Anness A.II tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 64/432/KEE tapplika għall-kummerċ ta' annimali bovini fl-Unjoni. Din tistipula l-kundizzjonijiet li skonthom Stat Membru jew reġjun tiegħu jista' jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mit-tuberkuloži jew uffiċjalment ħieles mill-bruċelloži fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

(2) L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE ([2]) jipprevedi li r-reġjuni tal-Istati Membri mniżżla fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mit-tuberkuloži fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

(3) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi li r-reġjun tal-Valle d'Aosta jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ikun rikonoxxut bħala reġjun uffiċjalment ħieles mit-tuberkuloži fir-rigward tal-merħliet bovini.

(4) Il-Portugall ippreżenta lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi li r-Reġjun Awtonomu tal-Azores minbarra l-gżira ta' São Miguel jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ikun rikonoxxut bħala reġjun uffiċjalment ħieles mit-tuberkuloži fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

(5) Wara li saret evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, jenħtieġ li r-reġjun tal-Valle d'Aosta fl-Italja u r-Reġjun Awtonomu tal-Azores fil-Portugall, minbarra l-gżira ta' São Miguel, jiġu rrikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkoloži fir-rigward tal-merħliet bovini.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jiġi emendat skont dan.

(7) L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jipprevedi li r-reġjuni tal-Istati Membri mniżżla fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloži fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-istatus ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi, bruċellosi u lewkosi bovina enżootika fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

(8) Il-Portugall ippreżenta lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi li r-reġjuni amministrattivi (distritos) ta' Aveiro, Viseu, Guarda, Coimbra, Leiria u Castelo Branco fir-reġjun amministrattiv superjuri (região) ta' Centro jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex ikunu rikonoxxuti bħala reġjuni uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

(9) Wara li saret evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, jenħtieġ li r-reġjuni amministrattivi (distritos) ta' Aveiro, Viseu, Guarda, Coimbra, Leiria u Castelo Branco fil-Portugall jiġu rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi fir-rigward tal-merħliet bovini.

(10) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jiġi emendat skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

(1) fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, l-entrati għall-Italja u l-Portugall huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Fl-Italja:

— Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,

— Il-Provinċja ta' Bolzano,

— Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna,

— Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,

— Ir-Reġjun tal-Lazio: Il-Provinċji ta' Frosinone, Rieti, Viterbo,

— Ir-Reġjun tal-Liguria,

— Ir-Reġjun tal-Lombardia,

— Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċji ta' Ancona, Ascoli Piceno, Fermo, Pesaro-Urbino,

— Ir-Reġjun tal-Piemonte,

— Ir-Reġjun ta' Sardenja: Il-Provinċji ta' Cagliari, Medio-Campidano, Ogliastra, Olbia- Tempio, Oristano,

— Ir-Reġjun tat-Toskana,

— Il-Provinċja ta' Trento,

— Ir-Reġjun tal-Umbria,

— Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta,

— Ir-Reġjun tal-Veneto.

Fil-Portugall:

— Ir-Região Algarve: id-distritos kollha,

— Ir-Região Autónoma dos Açores, minbarra l-Ilha de São Miguel."

(2) fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, l-entrata għall-Portugall hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fil-Portugall:

— Ir-Região Algarve: id-distritos kollha,

— Ir-Região Autónoma dos Açores: Ilhas de Corvo, Faial, Flores, Graciosa, Pico, Santa Maria,

— Ir-Região Centro: distritos Aveiro, Viseu, Guarda, Coimbra, Leiria, Castelo Branco."